**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 241/2017AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2020 l-atti ġew trasfużi f'isem D E *née* B, F B u G B ilkoll aħwa B**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' A B li permezz tiegħu ppremettiet:
*1. Illi l-attrici taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B (rikors Guramentat nru: 80/2006NC) deciza*

[1] Fol. 1.

*nhar il-25 ta' Ottubru 2013 li kopja tas-sentenza qieghda tigi hawn annessa u mmarkatat bhala (Dok SCM 1), liema sentenza tirrigwarda s-seperazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti f'din il-kawza;*

*2. Illi s-sentenza in kwistjoni taghmel ukoll referenza ghar-rapport maghmul mill-perit legali Dr Ludvic Caruana (appuntat mill-Ewwel Qorti stess fil-kawza) liema kopja tar-rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala (Dok SCM 2), peress li r-rapport huwa parti integrali tas-sentenza;*

*3. Illi wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013, l-attrici pprezentat rikors fl-4 ta' Novembru 2013 fejn talbet li jsiru korrezzjonijet fil-konteggi, liema talbiet ma setghux jintlaqghu mill-Qorti tal-Appell peress li s-sentenza kienet gja ghaddiet in gudikat, b'dan pero' b'sottolinjear tal-Qorti l-attrici kellha taghmel uzu minn rimedji ohra, filwaqt illi ddiregiet il-partijiet sabiex ma jipprovokawx proceduri gjudizzjarji li jkomplu jipprolongaw il-vertenzi tal-partijiet bi spejjez inutili meta jistghu jigu evitati bl-uzu ta' ragjonevolezza u buon sens. Illi kopja tad-digriet datat il-21 ta' Jannar 2014 qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala (Dok SCM 3);*

*4. Illi nonostante d-diversi tentattivi sabiex jigu transatti l-vertenzi, liema tentattivi fallew, u allura l-attrici ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tipprezenta kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet A B vs C B (rikors guramentat 133/2015 AL), fil-10 ta' Gunju 2015, fliema kawza A B talbet sabiex jigu korretti certu dikjarazzjonijiet li jemanixxu mis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013 (Dok SCM 1) u sabiex tordna l-qsim tal-investmenti, flejjes u hwejjeg mobbli skond l-istess sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, liema sentenza partijiet minnha C B qieghed jikkontesta;*

*5. Illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, varjat is-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens illi laqghat it-tieni aggravju tal-appellanta u hassret dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn l-attrici giet odnata thallas manteniment ghall-konvenut b'dan illi ddecidiet illi l-ebda manteniment ma kellu jithallas mill-attrici;*

*6. Illi mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti (deciza fis-26 ta' Jannar 2012) sas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, (deciza fil-25 ta' Ottubru 2013), l-attrici hallset f'manteniment lill-konvenut is-somma ta' erbat elef, erbgha mija u tnejn u sebghin ewro u tnejn u tlietin centezmu (€4472.32) u/jew somma verjuri (kopja ta' excel sheet tal-hlasijiet li saru permezz ta cekkijiet, in-numru taghhom indikat Dok. SCM 4), liema somma ma giet qatt imhallsa lura lill-attrici minkejja li l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet illi l-ebda manteniment ma huwa dovut ghall-konvenut. Illi ghalhekk l-attrici qeghda titlob l-intervent tal-Qorti biex tigi rifuza lilha din is-somma mill-konvenut oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u cioe' mid-data tal-25 ta' Ottubru 2013 (Dok. SCM 1) sal-pagament effettiv;*

*7. Illi aktar minn hekk, recentement u b'kumbinazzjoni l-attrici saret taf bi ftehim (dokument anness u mmarkat (Dok SCM 5), datat 11 ta' Mejju 2016, bejn C B u l-eredi ta' H I u cjoe' A I, flimkien ma' certu J K. L-attrici tispjega illi H I kien is-sid u d-direttur tas-socjeta' li toffri servizzi finanzjarji bl-isem DBR Investments Limited, liema sid miet, u A I tigi l-armla ta' H I;*

*8. Jirrizulta car u manifest minn dan il-ftehim (li l-originali ta' dan id-dokument jinsab f'idejn l-attrici), illi C B li qed issir referenza ghalih bhala 'the Creditor' ghandu jiehu minghand 'the Released party' (A I) s-somma bilancjali ta' tlett mija u sittax il-elf u erba' mitt ewro (€ 316,400.00) u liema ammont ai termini tal-imsemmi ftehim ghandu jithallas minn J K 'The Debtor' lil C B fis-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300,000) sabiex tigi saldata amikevolment din il-vertenza;*

*9. Illi mill-istatements li saret referenza ghalihom fl-imsemmi ftehim immarkati bhala (LM1 -LM4) jirrizulta bic-car illi zewg ammonti ta' tnejn u sittin elf Ewro (€62,000) (Dok LM 1) u tnejn u hamsin elf, mija u erbgha u tmenin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€52,184.83) (Dok LM2) u mija u disa u sittin elf tlett mija u ghoxrin Ewro (€169.320) (Dok LM 3) isselfu minn C B lil H I minn flejjes li C B kien jiehu minn negozju tal-ispizerija tal-attrici, liema flejjes huma appartenenti lill-komunjoni izda li huwa dejjem heba u zamm ghalih;*

*10. Illi dawn it-tlett mitt elf Ewro (€300,000) zgur u certament m'humiex flejjes parafernali tieghu kif ser jittanta jghid li huma C B. Jekk dato ma non concesso hemm xi haga minnhom li huma propjeta' parafernali, dan kellu jirrizulta mix-xhieda moghtija minn C B innifsu fil-kawza ta' separazzjoni tal-partijiet (A C B rikors guramentat numru 80/2006), fejn l-istess C B spjega u xehed li huwa kien wiret xi flejjes minghand iz-ziju tieghu M B fl-ammont ta' erbatax il-elf liri Maltin (Lm 14,000) ekwivalenti ghal tnejn u tletin elf, sittmija u hdax il-ewro (€32,611) u erbgha u ghoxrin elf liri Maltin (Lm 24,000) ekwivalenti ghal hamsa u hamsin elf disa' mija u hames ewro (€ 55,905) minn ghand ommu, L B (kopja tax- xhieda ta' C B annessa u mmarkata Dok SCM 6). Dawn il-flejjes diga' gew assenjati lil C B permezz tas-sentenza tas-separazzjoni;*

*11. Illi C B ma ddikjara ebda flejjes ohra parafernali kif jirrizulta mir-rapport tal- Perit legali, Dr Ludvic Caruana, kif ukoll mill-affidavits ta' M B u minn omm C B, L B xebba N, liema kopji ta' l-affidavits taghhom qieghed hawn annessi bhala (Dok SCM 7 u SCM 8), u mid-data tas-separazzjoni sal-lum ma wiret lil hadd izjed.*

*12. Illi għalhekk jirrizulta li l-attrici A B hi dovuta tiehu nofs din is-somma ta tlett mitt elf ewro (€300,000.0) oltre l-imghax legali dovut fuq din is-somma skond il-ftehim, kif ukoll l-imghax mid-data tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013 (id-data finali tas-sentenza tal-Qorti Tal-Appell ai fini tas-seperazzjoni personali) sal-pagament effettiv;*

*13. Illi b'kull rispett dan anki jikkostitwixxi reat ta' money laundering fil-konfront ta' l-intimat C B li ghogbu jabbuza minn flus li m'humiex tieghu, izda li huma appartenenti lill-martu wkoll;*

*14. Illi permezz ta' digriet datat it-2 ta' Awwissu 2017, anness u immarkat bhala Dok. SCM 9, din l-Onorabbli Qorti iddikkjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lil partijiet jipprocedu b'kawza u dan fit-termini imposti mill-ligi;*

*15. Illi in vista tal-fatt li l-attrici ma' pprezentatx il-kawza entro it-terminu stipulat mill-ligi, saret talba permezz ta' rikors datat id-9 ta' Ottubru 2017, anness u immarkat bhala Dok. SCM 10, fejn din l-Onorabbli Qorti*

*intalbet illi il-medjazzjoni tinghalaq stante li ma' kienx hemm possibilita' ta' transazzjoni u tawtorizzaha sabiex tipprosegwi bir-rikors guramentat;*

*16. Illi permezz ta' digriet datat il-11 ta' Ottubru 2017, anness u immarkat bhala Dok. SCM 11, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici A B tipprocedi b'din il-kawza;*

*17. Illi ghalhekk, l-attrici A B qed tipprezenta din il-kawza sabiex tiehu lura nofs is-somma ta' Euros 300,000 u/jew dik is-somma verjuri, liema flejjes huma provejenti mill- kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, liema somma nzammet mistura u mohbija minn C B fil-konfront taghha kif ukoll sabiex tigi rifuza l-ammon ta' erbat elef, erbgha mija u tnejn u sebghin ewro u tnejn u tlietin centezmu (€4472.32) u/jew somma verjuri li hija hallset f'manteniment lil C B ai termini tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fil-25 ta' Ottubru 2013;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tikkundanna lill-konvenut ai termini tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fil-25 ta' Ottubru 2013 ihallas lura l-ammont ta' erbat elef, erbgha mija u tnejn u sebghin ewro u tnejn u tlietin centezmu (€4472.32) u/jew dik is-somma verjuri lill-attrici, liema somma l-konvenut kien ippercepixxa bhala manteniment ghal-perjodu bejn is-26 ta' Jannar 2012 u il-25 ta' Ottubru 2013 (circa sena u disa xhur), kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tas- sentenza tal-Qorti tal-Appell u cioe' mid-data tal-25 ta' Ottubru 2013 (Dok. SCM 1) sal-pagament effettiv;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-somma ta' tlett mitt elf ewro (€300.000) indikata fid-dokument SCM 4 datat il-11 ta' Mejju 2016, u/jew dik is-somma verjuri jikkostitwixxu flejjes appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti ta' A B u C B;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs is-somma ta' Euros 300,000 (u cjoe' Euros 150,000) skond id-dokument SCM 4, u /jew dik is-somma verjuri li tigi stabbilita fil-mori tal-kawza, liema somma tappartieni lill-attrici A B;*

*4. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma ta' Euros 150,000 u/jew dik is-somma verjuri u dan bl-imghax legali mid-data tal-25 ta' Ottubru 2013 (id-data tas-seperazzjoni personali tal-kontendenti fejn il-Qorti ta' l-Appell tat is-sentenza finali taghha) sal- pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda ta' l-attriċi.

Rat kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell[2], tal-25 ta' Ottubru 2013 ippreżentata mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha;

Rat kopja tar-rapport ta-Perit Legali l-Avv. Ludvic Caruana[3] ppreżentat mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha;

Rat kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Jannar 2014;[4]

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 2017[5] li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet it-talba sabiex jitwal it-terminu li fih l-attriċi tista' tipproċedi b'kawża wara d-digriet tat-2 ta' Awwissu 2017[6] li bih il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata[7] ta' C B li fiha eċepixxa kif ġej:

*1. ILLI l-eccipjenti C B, jibda sabiex fil-mertu tal-kawza odjerna jichad fit-totalita' taghhom il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha ta' din il-kawza odjerna, ghaliex huma meqjusin minn issa u ghandhom jitqiesu quddiem din il-Wisq Onorabbli Qorti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri fil-mori ta' dawn il-proceduri stess.*

*2. ILLI fir-rigward tal-ewwel talba attrici, dik rigwardanti l-ammont ta' manteniment li allegatment ghandu jigi rritornat lura lil attrici da parti tal-*

---

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 26.
[4] Fol. 89.
[5] Fol. 121.
[6] Fol. 119.
[7] Fol. 130.

*esponenti qua eccipjenti C B, jigi ccarat illi dan l-ammont ta' manteniment gie moghti bi skop partikolari mill-Wisq Onorabbli Qorti tal-Familja fil-kawza u naturalment fis-sentenza moghtija in prim istanza bin-numru (80/2006NC) fl-ismijiet ta' A B vs. C B, u dan ghaliex l-attrici minflok ghazlet it-triq tal-kompromess u tal-buon sens in kwantu l-mod kif bhala familja l-ispizerija bl-isem ta' St. C Pharmacy, kienet qeda tigi gestita, l-attrici stess qabdet u kecciet lil eccipjenti stess ferm qabel ma nqaghtet tali sentenza minn kull utilita' u anke beneficcju taghha, mix-xoghol giornalier tieghu fiha, u naturalment ukoll, minn l-introjtu, li fil-verita' kellu sal-mument illi tigi dikjarata s-separazzjoni b'mod in gudikat jibqa' jigi meqjus u maqsum ugwalment bejn il-partijiet peress illi l-komunjoni tal-akkwisti giet effettivament xolta permezz tas-sentenza in prim istanza. C B, gie mkecci ingustament minn din l-ispizerija b'tali mod illi l-uniku sors ta' introjtu li kien fadallu allura kien dak illi gustament tatu l-ewwel Qorti bhala kkonfermat manteniment lilu dovut mill-mara. Jigi ddikjarat u ulterjorment, illi meta wiehed iqis allura, dak li ppercepixxa C B bhala manteniment minghand A B, matul iz-zmien kollu li fih C B stess ircieva pagamenti ta' manteniment, hdejn l-introjtu stess li kienet taghmel l-ispizerija matul dawn is-snin kollha, allura C B kien ikun haqqu hafna ahjar minn hekk, bhala s-sehem bi dritt tieghu tal-komunjoni tal-akkwisti u se mai ukoll bhala paga li qatt ma nghata meta kien hu biss li kien jahdem fil-maggior parti tal-hin, f'din l-istess spizerija. Dan kollu ser jirrizulta u ser jigi wkoll muri matul il-perkors ta' dawn il-proceduri odjerni. Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, din il-Wisq Onorabbli Qorti ghandha tifhem dan kollu, u tirrespingi jew tichad bis-shih dak illi ghalih qieghed jigi sottopost ghal darba ohra b'mod ghal kollox abbuziv u ingust, l-istess eccipjenti C B fir-rigward tal-ewwel talba attrici.*

*3. ILLI fir-rigward tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talbiet attrici, dawk rigwardanti ammont ta' flus illi fuqhom l-attrici qieghda tipprova tiggranfa maghhom, ghal darba ohra b'mod ghal kollox abbuziv u ingust, dawn ghandhom jigi respinti u michuda minn din il-Wisq Onorabbli Qorti, ghax huma ghal kollox bla bazi ta' fatt u ta' dritt. Jigi ccarat, da parti tal-eccipjenti illi dawn il-flus huma kollha flus parafernali ta' C B li gew investiti ma' terzi mill-familja tieghu fil-mument tal- kostituzzjoni taghhom u ma hemm ebda prova wahda kredibbli, oggettiva jew veritiera li b'xi mod turi li dawn gew mehuda mill-komunjoni tal-akkwisti jew minn xi*

*sorsi li huma bi dritt appartenenti ghal mara tieghu A B. Hawnhekk, ghal darba ohra, l-attrici qieghda tipprova tiskredita' b'mod mill-aktar malinn u makakk, u tipprova tiggranfa difrejghha ma' dak li qatt ma kien taghha, bhalma gara fil-kaz tad-dar matrimonjali fil-passat. Kien ikun bil-wisq aktar ghaqli, kieku kienet tressaq dawn it-talbiet meta kien ikollha provi cari u sostantivi għal dak li qieghda tghid u tallega, milli tpoggi allegazzjonijiet inveritieri u intizi biss biex ihammgu lil C B, u billi tipprova turi xi xenarju għal kollox il-kontra minn dak li verament hu fil-fatt u fid-dritt. In fatti, din il-Wisq Onorabbli Qorti hija wkoll favur tal-fatt, illi f'kazijiet ta' separazzjoni galadarba hemm diga' sentenzi ppronunzjati f'dan ir-rigward, ma tergax toqghod tfettaq inutilment meta tara b'mod car illi naha jew ohra tkun qieghda biss tfettaq u anki tohloq ingustizzja serja fuq il-parti l-ohra b'piki oltre l-limitu tar-ragjonevolezza. Ezempju ta' dan, li jista' jitqies bħala vendetta fuq C B, huwa l-fatt, fost affarijiet ohra, ta' kemm-il darba ppruvat din il-mara tkecci lil C stess mid-dar matrimonjali li kienet parafernali wkoll tieghu stess. Dawn il-manuvri għandhom jigu mwaqqfa' u sa anki puniti. Ghalhekk u ghal dawn il-motivi, din il-Wisq Onorabbli Qorti ghandha tifhem dan kollu, u tirrespingi jew tichad bis-shih dak illi ghalih qiegħed jigi sottopost ghal darba ohra b'mod ghal kollox abbuziv u ingust, l-istess eccipjenti C B fir-rigward tat- tieni u tat-tielet talba attrici.*

*4. ILLI jigi ccarat ulterjorment, da parti tal-eccipjenti C B, illi permezz tal-ewwel sentenza u kif ukoll tal-Appell msemmija u riferuti fir- rikors promotur stess tal-attrici, kien ghad fadal affarjiet minimi x'jigu indirizzati sabiex il-partijiet jisseparaw u jirregolaw ruhhom fil-konfront ta' xulxin. Dawn huma affarijiet illi diga' gew kawtelati u msemmija fil-proceduri li jinsabu miftuhin diga' quddiem din il-Wisq Onorabbli Qorti b'riferenza ghal kawza numru 133/2015 fl-ismijiet ta' A B vs. C B, u li ghalihom l-istess C B ghamel l- eccezzjonijiet u l-kjarifiki tieghu. Ta' min isemmi, illi l-modus li bih l-attrici tixtieq li qatt xi darba tasal f'kompromess ma' C B fuq kwalunkwe punt ta' fatt jew ta' dritt illi facilment jista' jigi indirizzat madwar il-mejda tal-buon sens u l-fehma, qatt ma gie rrispettat da parti tal-attrici. Ghal kontra ta' dan, l-attrici dejjem zammet ferma ma' dak il-habel li tixtieq tigbed b'mod assolut lejha biss, u minflok tifhem u taccetta r-realta' tas-sitwazzjoni, dejjem ghamlet milli tista' biex tkisser lil C B u*

*thares lejh qisu xi persuna bla qalb jew bla raguni, meta huwa ghal kollox il-kontra ta' dan kollu.*

*5. ILLI jigi ccarat ulterjorment, da parti ta' C B, illi huwa jaf bhala stat ta' fatt u tad-dritt, illi dak li qed jiddikjara u jikkonferma bil-gurament tieghu, huwa minnu verament, u di fatti, ma jistax jifhem kif din il-mara baqghet daqshekk negattiva u allegattiva fil-konfront tieghu, b'kattiverja wkoll, li tissupera kull limitu tar-raguni, ghaliex, l-eccipjenti stess, jaf illi A B, taf b'dan kollu u taf ukoll kemm kien stmat mill-familja tieghu C B. Allura, galadarba A B qed taghmel hekk, jehtiegilha illi tipprova b'fatti cari, diretti u oggettivi u mhux tuza l- Qrati tal-Gustizzja biex tipprova taghmel gwadann bla ma ghandha dritt ghalih fuq C B.*

*6. SALV eccezzjonijet u kjarifiki ulterjuri.*

*Bl-ispejjez ukoll ta' dawn il-proceduri li għandhom immorru kontra l-attrici A B, li minn issa hija ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat li fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2018[8] il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-Assistant Ġudizzjarju Dr Greta B li kienet qed tisma' l-provi fil-kawża fl-istess ismijiet, bin-numru 133/15AL liema provi l-Qorti qalet li japplikaw għaż-żewġ każijiet;

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019[9] il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Greta Agius u ssostitwietha b'Dr Maria Dolores Gauci bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2019[10] il-Qorti għamlitha ċara illi x-xhieda li qed tinstema f'din il-kawża tkun tgħodd ukoll għall-kawża fl-istess ismijiet, bin-numru 133/15AL;

Rat illi fil-mori tal-proċeduri miet il-konvenut C B u li b'digriet tal-25 ta' Novembru 2020[11] il-Qorti laqgħet it-talba sabiex issir it-trasfużjoni tal-atti

---

[8] Fol. 136.
[9] Fol. 209.
[10] Fol. 271.

fil-persuni tal-eredi u *ċioé* l-uniċi ulied tal-konvenut D E *née* B, Loraine B u G B;

Rat illi wara li l-konvenuti ma dehrux għal diversi seduti l-Qorti għalqet il-provi tagħhom;[12]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda mressqa u d-dokumenti eżebiti minnhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi ppreżentata fil-proċess fl-istess ismijiet, bin-numru 133/15AL;[13]

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2023[14] li bih il-Qorti qajjmet l-eċċezzjoni *ex officio* rigward il-kompetenza tagħha f'dik il-kawża *rationae materiae* u nnutat illi għalkemm l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet iddikjarat li t-talbiet tnejn u ħamsa tar-rikors ġuramentat ta' dik il-kawża m'għandhomx ikunu fis-sentenza hija ma ppreżentatx nota ta' ċessjoni dwar dan u l-Qorti ddiferiet il-kawża sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom qabel tgħaddi għas-sentenza;

Rat in-nota ta' ċessjoni tal-attriċi[15] li biha tirrinunzja għat-tieni u l-ħames talba tar-rikors ġuramentat ta' dik il-kawża iżda żżomm ferm it-talbiet l-oħra kollha kemm ta' dik il-kawża u kemm b'referenza għall-kawża odjerna;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

## KONSIDERAZZJONIJIET

### _L-azzjoni odjerna_

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob illi wara l-appell mis-sentenza tas-separazzjoni li biha l-Qorti tal-Appell iddeċidiet permezz ta'

---

[11] Fol. 305.
[12] Fol. 360.
[13] Nota tat-12 ta' April 2023.
[14] Fol. 457 tal-proċess fl-istess ismijiet bin-numru 133/15AL.
[15] Fol. 460 tal-proċess fl-istess ismijiet bin-numru 133/15AL..

sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013 u wara t-tieni appell sabiex tiġi rranġata l-imsemmija s-sentenza li biha l-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-4 ta' Novembru 2013 ċaħdet it-talbiet attriċi biex isiru korrezzjonijiet fis-sentenza tal-appell tal-25 ta' Ottubru 2013, issa qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

1. Peress li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013 iddeċidiet li l-ebda manteniment ma kellu jitħallas mill-attriċi, u mis-sentenza tal-ewwel Qorti sas-sentenza tal-Appell l-attriċi ħallset f'manteniment lill-konvenut is-somma ta' erbat elef erba' mija u tnejn u sebgħin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€4472.32), hija qed titlob l-intervent ta' din il-Qorti biex tiġi rifuża lilha mill-konvenut din is-somma u/jew somma verjuri oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza tal-Appell u *ċioé* l-25 ta' Ottubru 2013;

2. Peress li reċentement qabel ppreżentat il-kawża odjerna hija saret taf bi ftehim li minnu l-konvenut għandu jieħu lura s-somma ta' tliet mitt elf Ewro (€300,000), liema flus hija tgħid li l-konvenut sellef lil H I minn flejjes li l-konvenut kien jieħu minn negozju tal-ispiżerija tal-attriċi u għalhekk tgħid li huma appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti, hija għalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas nofs din is-somma u/jew dik is-somma verjuri oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza tal-Appell u *ċioé* l-25 ta' Ottubru 2013 lill-attriċi.

Fid-digriet kamerali tat-30 ta' Novembru 2023 tal-proċess fl-istess ismijiet, bin-numru 133/15AL, il-Qorti qajjmet *ex officio* l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* tat-talbiet f'dik il-kawża u dan taħt l-Artikolu 732A tal-Kap 12 u tat l-opportunità lill-partijiet sabiex in ottemperanza ma' dan l-artikolu jkollhom iċ-ċans illi jkunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar din l-eċċezzjoni qabel tingħata s-sentenza dwar tali eċċezzjoni. Madanakollu l-attriċi insistiet fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba' talba tagħha f'dik il-kawża u fit-talbiet tal-kawża odjerna. Il-Qorti tara li dak li qalet dwar l-eċċezzjoni f'dik il-kawża japplika wkoll għall-kawża odjerna kif ser jingħad.

*Il-Prinċipji Legali Applikabbli għall-Każ Odjern*

Il-Qorti tara idoneju illi tibda billi telenka fiex tikkonsisti l-kompetenza mogħtija lilha permezz tar-Regolament numru 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.19[16] u l-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20[17], *ċioé*:

*"Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':*

*(a) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;*

*(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;*

*(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;*

*(d) l-Att dwar iż-żwieġ u*

*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri".*

L-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili huwa '*Fuq il-Persuni'*, u: (i) Titolu I tal-Ewwel Kapitolu jitratta '*Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miż-Żwieġ*', (ii) Titolu II tal-Ewwel Kapitolu jitratta '*l-Filjazzjoni'*, u (iii) Titolu IV tal-Ewwel Ktieb jitratta '*is-Setgħa tal-Ġenitur*'.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Doerhe Stephanie Rieks vs Peter Rieks**,[18] fejn waqt li l-partijiet kienu għadhom miżżewġin, iżda jgħixu separatament, l-attriċi ressqet kawża kontra l-konvenut żewġha quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għar-rimbors ta' somma flus parafernali tagħha, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut qajjem il-punt li l-kwistjoni in eżami taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Fis-sentenza tagħha, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili trattat din l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* u waslet għall-konklużjoni li tali eċċezzjoni ma treġix,

[16] Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili, tas-16 ta' Diċmebru 2003.

[17] -Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), tas-16 ta' Diċemebru 2003.

[18] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Diċembru 2015 (Rik. Ġur. Nru. 295/2015 LM).

fejn b'referenza speċifika għar-Regolament 4(a) tal-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20 irribadiet illi: *"(I)s-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili għandha l-materji assenjati lilha minn Regolament 4 tal-iskeda marbuta mal-paragrafu 2(a) tal-Avviż Legali 397 tal-2002 (S.L. 12.20) kif sussegwentement emendat. Għal dak li jirrigwarda Regolament 4(a),* ***l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jittratta – u fil-fatt huwa hekk intitolat – "Fuq il-Persuni" b'kuntrast mat-Tieni Ktieb li jittratta "Fuq il-Beni"****. Subtitlu I ta' Titlu I tal-Ewwel Ktieb jittratta "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin"* ***iżda dan jagħmlu mil-lat personali****, bħad-dmir li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja u jedukaw u jmantnu lil uliedhom, u l-kunjom tal-mara u tal-ulied. Huwa biss l-Artikolu 3A li jitkellem fuq proprjetà - dik tad-dar matrimonjali. Sub-Titlu II ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Jeddijiet u Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa" essenzjalment dwar manteniment. Sub-Titlu III ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Firda Personali" filwaqt li Sub-Titlu IV ta' Titlu I jitkellem "Fuq id-Divorzju". Titlu II jitkellem "Fuq il-Filjazzjoni" u Titolu IV huwa "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri". Imbagħad Regolament 4(b) u (ċ) jittratta dwar Ordnijiet ta' Manteniment; Regolament 4(d) dwar l-Att taż-Żwieġ u Regolament 4(e) dwar l-Att dwar il-Kustodja tat-tfal".*

Artikolu 9 tal-Avviż Legali 397 tal-2003[19] jgħid imbagħad f'Artikolu 9 illi:

*"(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew*

*(c) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*

---

[19] Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja).

*dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

*(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4."*

Għaldaqstant dawn il-kwsitjonijiet jaqgħu wkoll taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Fil-kawża fl-ismijiet **DG f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri E u I vs JD**[20], il-Qorti qalet:

"*Illi din il-Qorti sejra issa tindirizza l-eccezzjoni tal-intimat u cioe' kompetenza rationae materia sabiex tisma' it-tielet talba. Illi t-tielet talba attrici kif dedotta fir-rikors promotur hija s-segwenti:*

*Tiddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi w b'hekk jillikwida mill-inqas nofs l-ammont tas-somma indikata ta' erba t'elef hames mija w erbghin Euro w erba w sittin centezmu - €4,540.64 – u/jew somma verjuri kif ukoll l-infieq addizzjonali li gew u qed jigu inkorsi a beneficcju tal-minuri ulied il-partijiet favur l-esponenta ghas-sena 2017 u ghas-sena kurrenti ta' 2018 u dan skond il-prospett li ghandu jigi esibit fil-mori tal-kaz;*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tieghu, il-konvenut jirrileva illi gialadarba it-tielet talba hija purament "money claim" ghall-arretrati ta' spejjes tal-edukazzjoni u sahha, dawn ma jaqghux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti tal-Familja, izda jaqghu fil-kompteneza tal-Qorti Civili, senjatament il-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti tal-Magistrati Malta) jew it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Carmel sive Charles I vs Mariella*

[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta' Ottubru 2023, (Rik. Nru 241/2018JPG).

*Azzopardi (Rikors Guramentat 265/2011 MCH) decisa nhar is-6 ta' Ottubru 2011:*

*Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.*

*Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk: 9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti: (a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew (b) manteniment bejn il-konjugi; jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew (d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub regolament; dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik iddiposizzjoni. (2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.*

*Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruhha*

*fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Agostino I vs Salvina I (9.02.2005). Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2008 mill-Imhallef Philip Sciberras, f'cirkostanzi li kienu jittrattaw rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi tenniet: Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino I - vs- Salvina I", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra. Illi siccome it-talbiet jippresponu varjazzjoni jew kancellament tal-obbligi naxxenti minn kuntratt, il-Qorti tqis li hija moghnija bil-kompetenza ratione materiae."*

L-istess il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **A Aic vs B C Aic[21]:**

"*The Court refers with approval to the judgments, quoted by plaintiff in his note of submissions, declaring that requests for the enforcement of rights and obligations arising from a contract of personal separation pertain to the competence of the Civil Court, First Hall and not of the Civil Court (Family Section).*"

Artikolu 741 (b) tal-Kap 12 jgħid kif ġej

*"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet incamera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:*

*Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża."*

Jgħid imbagħad regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li:

*Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu*

[21] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-20 ta' Marzu 2014, (Rik. Nru 161/2013RGM).

*assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>*

F'dan il-każ l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex

1. tenforza sentenza tal-Qorti tal-Appell u tingħata rifużjoni ta' ammonti li tħallsu kontra dak li ġie deċiż fit-tali sentenza; u
2. tikkundanna lill-konvenut iħallasha lura ammont li hi tgħid li huwa tagħha għaliex huwa rifużjoni ta' ammont li nħareġ mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm viġenti bejn il-partijiet sal-mument tas-sentenza tas-separazzjoni.

Il-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet ġiet terminata fil-mument li s-sentenza tas-separazzjoni għaddiet in ġudikat u *ċioé* meta nqatgħet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013. Minn dak il-mument iż-żewġ partijiet sseparaw personalment u llum qed jipprosegwu kontra xulxin bħala żewġ persuni indipendenti minn xulxin.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn it-talbiet attriċi u tirrileva illi taqbel illi din hija vertenza li temanixxi minn kwistjoni familjari u *ċioé* nuqqas ta' qbil bejn persuni fi sfond ta' separazzjoni, anzi wara li ġiet diġà dikjarata s-separazzjoni personali skont kif deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013. Però kif intqal fil-kawża ġia ċitata fl-ismijiet **DG f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri E u I vs JD**, ma jfissirx illi kull vertenza sempliċement għaliex hi vertenza bejn koppja bilfors tmur quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hija vestita b'kompetenza speċifika. Għal dak li jirrigwarda Regolament 4(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.19**, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jittratta – u fil-fatt huwa hekk intitolat – "Fuq il-Persuni" b'kuntrast mat-Tieni Ktieb li jittratta "Fuq il-Beni".** Subtitlu I ta' Titlu I tal-Ewwel Ktieb jittratta "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin" **iżda dan jagħmlu mil-lat personali,**

bħad-dmir li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja u jedukaw u jmantnu lil uliedhom, u l-kunjom tal-mara u tal-ulied. Sub-Titlu II ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Jeddijiet u Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa" essenzjalment dwar manteniment. Sub-Titlu III ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Firda Personali" filwaqt li Sub-Titlu IV ta' Titlu I jitkellem "Fuq id-Divorzju". Titlu II jitkellem "Fuq il-Filjazzjoni" u Titolu IV huwa "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri". Imbagħad Regolament 4(b) u (ċ) jittratta dwar Ordnijiet ta' Manteniment; Regolament 4(d) dwar l-Att taż-Żwieġ u Regolament 4(e) dwar l-Att dwar il-Kustodja tat-tfal. Artikolu 9 tal-Avviż Legali 397 tal-2003 imbagħad jitratta nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom, manteniment bejn il-konjuġi jew talbiet għal bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali.

Jirriżulta għalhekk li l-ebda minn dawn il-vertenzi speċifiċi ma jinkwadraw fil-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti fil-każ odjern fejn l-attriċi qiegħda minn naħa tipprova tenforza sentenza deċiża u minn naħa l-oħra trid dikjarazzjoni u kundanna ta' ħlas mingħand il-konvenut li fil-preżent, jekk huwa l-każ, huwa kreditur tagħha fis-somma mitluba, izda madanakollu ma hux iktar marbut magħha bil-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk l-attriċi għandha tfittxu irrelevanti mill-fatt li huma kienu miżżewwġin, jekk hekk jidhrilha.

Jirriżulta għalhekk kif anke ngħad fil-ġurisprudenza kwotata, illi fil-fehmha ta' din il-Qorti f'din il-kwistjoni l-forum kompetenti m'huwiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

Il-Qorti hija konsapevoli illi b'applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 kif ġia ċitat u ġialadarba tinsab tal-fehma li ma għandhiex kompetenza fil-proċeduri li ġew quddiemha, hija għandha l-fakoltà li fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tkun irċiviet l-atti minn Qorti oħra jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemha, tibgħat l-atti tal-proċeduri lill-Qorti tal-Appell sabiex permezz ta' digriet in camera tiddeċiedi hi quddiem liema Qorti, Bord jew Tribunal għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża. Tali terminu ta' għaxart' (10) ijiem għadda, madanakollu din l-eċċezzjoni tinneċessità l-applikazzjoni tar-regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li jgħid li:

*Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.*

Illi għalkemm ir-regolament 8 jemani minn leġiżlazzjoni sussidjarja, fil-materja ta' kompetenza tal-Qorti tal-Familja, hija *l-lex specialis*, u għaldaqstant l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 m'għandux japplika.[22]

GĦALDAQSTANT u tenut kont tar-raġunijet premessi, din il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu rrinvijati lill-Onor. Prim Imħallef sabiex *ai termini* tar-Regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 jiġi deċiż liema Sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tkompli tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza *a karigu* ta' l-attriċi.

[22] Ara d-digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet Carmel Horace sive Carlo Schembri vs Stefania Schembri, nhar l-1 ta' April 2019 (Rik. Ġur. Nru. 1019/2017 LSO).